SAN GILJAN


**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt


**Rif Minuti 38/K7/15**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 26/03/'15** **321**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 26/03/'15** **376**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 18/12/'14** **20**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu 2015.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsillier Anthony Grech

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Skużati:- (1) Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli (Inc.1497)

1.05 Assenti:- (1) Il-Kunsillier Richard Scicluna

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.
1.1.02 Il-Kunsill ta l-kondoljanzi lill-Kunsillier John Agius għat-telfa ta' oħtu.

1.1.03 Is-Sur John Agius irringrazzja lill-Kunsill għas-simpatija.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-20 ta' Marzu 2015. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2014
4. Audited Financial Statements
5. Performance Bonus
6. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid
7. Jum San Ġiljan
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
10. Aġġornament tal-laqgħa

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċerman ressaq il-Minuti 37/K7/15 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 07/KA2/15 u 08/KA2/15 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

445 Kwotazzjoni mingħand l-ELC dwar ***St Julian's Promenade Planter – from LOVE Monument to Balluta***.

945 Email mingħand il-Water Services Corporation dwar ix-xogħolijiet fi Triq il-Mensija u Triq Wied Għomor.

969 Tweġiba mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 27/2014 – Skema dwar Inizjattivi ta' attivitajiet 2014 – 2015.

1453 Talba mingħand is-Sur Sean Fitz biex jinstalla *barriers* fuq il-bankini f'toroq indikati minnu f'San Ġiljan.

1477&1480 Rapport u stima mingħand il-Perit tal-Kunsill (MP&DC) dwar ħsarat sinifikanti fi Triq San Ġorġ, in-naħa tal-Wembley Garage u l-area tal-madwar.

1478 Rapport minghand il-Perit tal-Kunsill (MP&DC) dwar ħsarat sinifikanti fi Triq il-Kbira fl-inħawi tal-Knisja tal-Karmnu.

1497 Korrispondenza mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli dwar in-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħa tas-26 ta' Marzu 2015.

1505 Korrispondenza mingħand il-Perit Stephen Farrugia (MP&DC) b'konnessjoni mal-binja tal-Kunsill.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru 445**

2.02 Saret riferenza għall-kwotazzjoni mingħand l-ELC dwar ***St Julian's Promenade Planter – from LOVE Monument to Balluta***.

2.03 Iċ-Ċerman ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li din l-istima ntbagħtet wara li saret laqgħa mal-ELC flimkien ma' rappreżentant ta' l-Awtorita' tat-Turizmu u l-Kunsill b'konnessjoni mal-Minuti 32/K7/14 datati 25 ta' Settembru 2014, taqsima 2 paragrafu 2.23 (c).

2.04 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din il-kwotazzjoni tintbagħat lill-*Malta Tourism Authority* sabiex tintalab l-għajnuna biex ikun jista jsir ix-xogħol meħtieġ.

**Rif. Nru. 945**

2.05 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Water Services Corporation dwar ix-xogħolijiet fi Triq il-Mensija u Triq Wied Għomor.

2.06 Ġie deċiż unanimament li l-WSC tiġi nfurmata li l-Kunsill mhux jaċċetta r-responsabilita' ta' l-ispiża ta' € 5,532.68 għal *Civil works* fuq Triq il-Mensija u Triq Wied Għomor. Dan minħabba l-fatt li dawn ix-xogħolijiet qatt ma kienu msemmija meta l-Kunsill kien sejjaħ laqgħa ma' l-entitajiet qabel bdew ix-xogħolijiet b'konnessjoni mal-PPP (Ara Appendici 'C'). Għalhekk il-Kunsill mhux lest li jidħol fi spiża ulterjuri.

**Rif. Nru. 969**

2.07 Inġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill għat-tweġiba mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'konnessjoni mal-**Memo 27/2014 – Skema dwar Inizjattivi ta' attivitajiet 2014 – 2015**.

2.08 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-fondi mill-iskema għadhom mhux approvati mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**Rif. Nru. 1453**

2.09 Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Sean Fitz biex jinstalla total ta' tnax (12) il-*barrier* fuq il-bankini tat-toroq il-Kbira, Ġorġ Borg Olivier, San Ġorġ, u Mikelangelo Borg.

2.10 Ġie deċiż unanimament li jinħareġ l-permess skont il-Bye-Laws 52/2/2006 – Riklamar fuq Għamara tat-Toroq u li dawn isiru skont id-deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill biex ikun hemm uniformita'.

2.11 Iċ-Ċermen ġibet l-attenzjoni tal-Kunsill li ġie avviċinat mis-Sur Sean Fitz biex titwaħħal advertising board mal-faċċata ta' l-latrina pubblika li tinsab fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

2.12 Il-Kunsill talab li din it-talba ssir bil-miktub u li jkollu l-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti biex jitwaħħal advertising board mal-ħajt tal-latrina pubblika.

2.13 Wara l-Kunsill joħroġ il-permess dment li min jagħmel ir-reklam inaddaf l-area u jbajjad il-faċċata.

**Rif. Nru. 1477, 1478 & 1480**

2.14 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport u l-istima mingħand il-Perit tal-Kunsill (MP&DC) dwar ħsarat sinifikanti fi Triq San Ġorġ, in-naħa tal-Wembley Garage u r-rapport dwar ħsarat sinifikanti fi Triq il-Kbira fl-inħawi tal-Knisja tal-Karmnu.

2.15 Ġie deċiż unanimament li dawn ir-rapporti u l-istima tintbagħat lit-Transport Malta u lill-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura, l-Onor. Joe Mizzi. Dan minħabba li l-Kunsill isostni li Triq San Ġorġ u Triq il-Kbira huma toroq arterjali u mhux kompitu tal-Kunsill li jagħmel ix-xogħolijiet ta' rikostruzzjoni li hemm bżonn. Minnbarra dan wieħed irid jinnota li minn dawn it-toroq jgħaddu xejn anqas minn tmien rotot ta' Transport Pubbliku aparti l-coaches tal-lukandi, trakkijiet, krejnijiet u inġenji kbar oħra ta' kostruzzjoni u vetturi oħra. Għalhekk il-Kunsill unanimament iddeċieda li m'għandux jagħmel xogħolijiet ta' rikostruzzjoni meta m'għandux il-finanzjament.

**Rif. Nru 1497**

2.16 B'referenza għall-korrispondenza mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli dwar in-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħa tas-26 ta' Marzu 2015 ġie deċiż unanimament li tiġi skużata.

**Rif. Nru 1505**

2.17 B'riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Perit Stephen Farrugia (MP&DC) b'konnessjoni mal-binja tal-Kunsill, ġie deċiż unanimament li tintbagħat kopja lill-Avukat tal-Kunsill sabiex tittieħed kull azzjoni meħtieġa. B'dan jiġi nfurmat id-Direttur għall-Gvern Lokali.

## 3. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2014

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2014 (Ara Appendiċi 'D').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport.

3.03 Il-Kunsillier Alex Grech ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2014.

3.04 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4 *Audited Financial Statements*

4.01 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għal-inc.Ref.1503/15 mingħand Mazars, l-awdituri tal-Kunsill u l-Kunsill ġie nfurmat li dan l-item ser jerġa jittella' f'laqgħa oħra.

## 5 Performance Bonus

5.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li kien qiegħed iressaq il-'performance appraisal' tas-Segretarju Eżekuttiv għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill. Dan minħabba li ftit ta' żmien ieħor tirtira bl-eta' u peress li l-aħħar laqgħa tal-Kunsill ta' April hija biex jiġu approvati l-minuti.

5.02 Għalhekk iċ-Ċermen ppreżenta il-*Performance Bonus Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv (Ara Appendici 'E') u rrakomanda li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata l-massimu tal-performance bonus sad-data li tirtira bl-eta'. Dan minħabba li dejjem kienet effiċjenti, effettiva u x-xogħol imwettaq jeċċedi b'mod konsistenti u sinifikanti l-objettivi jew dak li kien mitlub minnha. Iċ-Ċermen żied li għalkemm qed tieħu *l-entitlements* (vacation leave) tagħha xorta qed tagħti servizz fil-ħin tagħha. Minbarra dan kien hemm ġranet li l-vacation leave ġie irtirat minħabba l-esiġenza tax-xogħol. B'konsegwenza li ser ikollha telf finanzjarju mid-dritt tagħha.

5.03 Il-Kunsillier Alex Grech ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata l-massimu tal-Performance Bonus.

5.04 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.06 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lill-Kunsill.

**6. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid**

6.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

a) beda l-proċess għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid u dan qed isir skont il-linji gwida ta' Memo 4/2012.

b) il-Bord ta' l-Għażla magħmul mis-Sindku Peter Bonello, il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli u l-Kunsillier Norman Vella u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker bħala s-Segretarju tal-Bord.

c) Id-dipartiment qed jiġi nfurmat skont id-deċiżjoni tal-Bord.

6.02 Il-Kunsill ġie ppreżentat bid-deċiżjonijiet tal-bord ta` l-għażla (ara Appendiċi ('F′) fejn intgħażel s-Sur Paul Spiteri bħala s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid. Dan intgħażel fuq il-merti ta' esperjenza, maturita' u li diġa jaħdem ġo post turistiku. F'eventwalita' li s-Sur Paul Spiteri għal xi raġuni ma jkunx possibbli li jaċċetta l-kariga, il-Bord ddeċieda li f'dak il-każ jintgħażel is-Sur Anthony Attard.

6.03 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona d- deċiżjoni tal-Bord ta` l-Għażla.

6.04 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

6.05 Il-Kunsill qabel unanimament li jintgħażel is-Sur Paul Spiteri bħala s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid wara s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u reġa' kkonferma d-deċiżjoni tal-Bord ta` l-Għażla.

**7. Jum il-Lokal**

7.01 Iċ-Ċermen għarraf lill-Kunsill li biex jiġi kkomemorat Jum il-Lokal ser jittella' kunċert nhar il-Ħadd 5 ta' Aprill 2015, fejn ser jipparteċipaw it-tlett baned tal-lokalita'.

7.02 Ġie deċiż unanimament li:-

a) Il-baned flimkien jingħataw €1,500.00 għas-spejjeż b'konnessjoni mal-kunċerti.

b) Jiġu allokati €1,160.00 għas-spejjeż oħra ta' palk, P.A. system eċċ, b'konnessjoni ma' din l-attivita'.

c) Din l-attivita' tiġi ffinanzjata minn parti mill-fondi li ser jirċievi il-Kunsill mir-Reġjun Ċentru**.**

7.03 Bhala parti mill-attivita' ta' Jum il-Lokal ġie deċiż unanimament li ssir ikla bħala apprezzament għall-ħidma volontarja tal-membri kollha tal-Kunsill, li wasal fi tmien il-leġiżlatura tiegħu.

**8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'G').

8.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

8.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

9.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets Nru. 3684 sa Nru. 3703 (Ara Appendiċi 'H').

9.02 Il-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets minn Nru. 3684 sa Nru. 3703.

9.03 Il-Kunsillier Alex Grech issekondah.

9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10 Aġġornament tal-laqgħa**

10.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 9 ta' April 2015 fl-10.30a.m.

10.02 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

10.03 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**11 Materji Oħra**

11.01 Ġie deċiż unanimament li mill-1 ta' April 2015 is-Sur Toni Micallef ser jibda jtella' u jniżżel il-bnadar tal-Kunsill minflokk is-Sur Carmelo Sciberras. Dan ser jingħata l-istess ammont li kien jingħata s-Sur Sciberras iġifieri €46.59 kull kwart tas-sena.

11.02 Ġie deċiż unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku jixtru l-Ipads li jużaw bi prezz ta' €100 kull wieħed skond stima u li dawn jiġu *written off* mill-kotba tal-Kunsill.

11.03 B'referenza għal St. Patrick's day inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt li wara li Tony's Bar, Ryan's Irish Pub, Badass Burgers, Johnny's Kitchen, u Corks Irish Pub ingħataw il-kundizzjonijiet tal-pulizija għal estenzjoni tal-ħwienet, il-Kunsill ħareġ il-permess neċessarju. Dawn ġew mitluba wkoll iħallsu €150 kull wieħed għat-tindif.

11.04 Ġie deċiż unanimament li s-sena d-dieħla jiġi kkunsidrat li jħallsu wkoll biex isiru mobile toilets.

11.05 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill ser jirċievi €41,695.00 mingħand ir-Reġjun Ċentru fil-jiem li ġejjin (ara inc. Appendiċi 'I').

11.06 Ġie deċiż unanimament li dawn jiġu allokati kif ġej:-

- €7,000.00 fuq il-marki tat-taroq
- €1,000.00 fuq is-sinjali tat-toroq.
- €2,660.00 għall-attivita' ta' Jum il-Lokal (Taqsima 7 para 7.01 – 7.02)
- €2,000.00 biex isir railing fit-Telgħa tal-Kirxa
- €500.00 għal railings in-naħa tax-Xelter ta' Lapsi
- €28,535,000.00 biex isir *repair and upkeep*.

11.07 Il-laqgħa ntemmet fl-4.20p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**